

32006R2014

L 384/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2014/2006**tad-19 ta' Diċembru 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Diċembru 1996, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2505/96 ⁽¹⁾. Peress li d-domanda Komunitarja għall-prodotti in kwistjoni trid tiġi sodisfatta taħt il-kondizzjonijiet l-aktar favorevoli, ċerti kwoti tariffarji eżistenti għandhom jiġu estiżi jew aġġustati, u xi kwoti tariffarji Komunitarji ġodda għandhom jinfetħu b'rati ta' dazju mnaqqa jew b'rati ta' żero għal volumi xierqa, min-għajr ma jkunu disturbati s-swieq għal dawn il-prodotti.
- (2) Peress li l-ammont tal-kwota għal kwota tariffarja Komunitarja waħda mhux suffiċjenti biex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' l-industrija Komunitarja għall-perijodu tal-kwota attwali, dan għandu jizjed b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (3) M'għadux fl-interess tal-Komunità li jitkomplew jingħataw l-kwoti tariffarji Komunitarji fl-2007 għal ċerti prodotti li d-dazji fuqhom ġew sospiżi fl-2006. Dawn l-prodotti għandhom għalhekk jitneħħew mit-tabella fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96.
- (4) Minħabba l-ħafna bidliet li jridu jsiru, iċ-ċarezza titlob li l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96 jinbidel fl-intier tiegħu.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.
- (6) Minħabba l-importanza ekonomika ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li jintużaw ir-raġunijiet dwar l-urġenza previsti fil-punt I.3 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

- (7) Peress li dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007, hu għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandu jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għall-perijodu tal-kwota mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006, fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96, l-ammont tal-kwota tariffarja għan-numru ta' l-ordni 09.2981 għandu jiġi ffissat għal 260 000 unità.

Artikolu 3

Għall-perijodu tal-kwota mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007, fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96:

- l-ammont tal-kwota tariffarja għan-numru ta' l-ordni 09.2002 għandu jkun iffissat għal 1 000 tonnellata,
- l-ammont tal-kwota tariffarja għan-numru ta' l-ordni 09.2030 għandu jkun iffissat għal 1 000 tonnellata,
- l-ammont tal-kwota tariffarja għan-numru ta' l-ordni 09.2612 għandu jkun iffissat għal 1 900 tonnellata,
- l-ammont tal-kwota tariffarja għan-numru ta' l-ordni 09.2620 għandu jkun iffissat għal 1 000 000 unità,
- l-ammont tal-kwota tariffarja għan-numru ta' l-ordni 09.2727 għandu jkun iffissat għal 15 000 tonnellata.

Artikolu 4

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96, il-kwoti tariffarji għan-numri ta' l-ordni 09.2920, 09.2970, 09.2972 u 09.2977, għandhom jiddaħħlu b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

⁽¹⁾ ĠU L 345, 31.12.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 962/2006 (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 1).

Artikolu 5

Il-kwoti tariffarji għan-numri ta' l-ordni 09.2026, 09.2853, 09.2976 u 09.2981 għandhom jingħalqu b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara li jkun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNEX

"ANNEX I

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Suddiviżjoni Taric	Deskrizzjoni	Ammont tal-kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perijodu tal-kwota
09.2002	ex 2928 00 90	30	Fenilidrażina	1 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2003	ex 8543 70 90	63	Ġeneratur tal-frekwenzi kkontrollat bil-vultaġġ, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi mmuntati fuq ċirkwit stampat, f'kontenitur b'dimensjonijiet esterni ta' mhux aktar minn 30 × 30 mm	1 400 000 unità	0 %	1.1.-31.12.
09.2030	ex 2926 90 95	74	Klorotalonil	1 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2140	ex 3824 90 98	98	Taħlita ta' ammini terzjarji li bil-piż fiha: — 2,0-4,0 % N, N-dimetil-1-ottanammina — mhux anqas minn 94 % N, N-dimetil-1-dekanammina — mhux aktar minn 2 % N, N-dimetil-1-dodekanammina u ogħla	4 500 tunnellata	0 %	1.1. – 31.12.
09.2602	ex 2921 51 19	10	o-Fenilendiammina	1 800 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2603	ex 2931 00 95	15	Bis(3-trietossisililpropil)tetrasulfid	4 500 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2604	ex 3905 30 00	10	Poli(alkoħol viniliku) parzjalment aċetalizzat b'melħ tas-sodju ta' 5-(4-ażido-2-sulfobenżiliden)-3-(formilpropil)-rodanina	100 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2610	ex 2925 29 00	20	Klorur ta' (klorometilen)dime-tilammonju	100 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2611	ex 2826 19 90	10	Fluworur tal-kalċju b'kontenut totali ta' aluminju, manjesju u sodju ta' 0,25 mg/kg jew anqas, taħt forma ta' trab	55 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2612	ex 2921 59 90	30	3,3'-diklorobenżidina diidroklorur	1 900 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2615	ex 2934 99 90	70	Aċidu ribonukleiku	110 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2616	ex 3910 00 00	30	Polidimetilsilossan bi grad ta' polimerizzazzjoni ta' 2 800 unità monomerika (± 100)	1 300 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2618	ex 2918 19 85	40	Aċidu (R)-2-kloromandeliku	100 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Suddiviżjoni Taric	Deskrizzjoni	Ammont tal-kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perijodu tal-kwota
09.2619	ex 2934 99 90	71	2-Tienilaċetonitril	80 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2620	ex 8526 91 20	20	Assemblaġġ għal sistema GPS b'funzjoni ta' determinazzjoni tal-pożizzjoni	1 000 000 unità	0 %	1.1.-31.12.
09.2624	2912 42 00		Etilvanillin (3-etossi-4-idrossibenżaldeid)	425 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2625	ex 3920 20 21	20	Film ta' polimeri ta' polipropilen, orjentat fuq żewġ assi, bi ħxuna ta' 3,5 µm jew aktar iżda anqas minn 15 µm, wisa' ta' 490 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 620 mm, għall-produzzjoni ta' kondensaturi folji ⁽¹⁾	170 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2627	ex 7011 20 00	55	Skrin tal-ħġieġ b'kejl dijagonali estern ta' 814,8 mm (± 1,5 mm) u bi trasmissjoni tad-dawl ta' 51,1 % (± 2,2 %) bi ħxuna tal-ħġieġ ta' 12,5 mm	500 000 unità	0 %	1.1.-31.12.
09.2628	ex 7019 52 00	10	Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksijin bil-plastik, b'piż ta' 120 g/m ² (± 10 g/m ²), tat-tip użat f'purtieri li jirrumblaw b'xambrelli fissi kontra l-insetti	350 000 m ²	0 %	1.1.-31.12.
09.2629	ex 7616 99 90	85	Manku teleskopiku ta' l-aluminju għall-użu fil-manifattura tal-bagalji ta' l-ivvjaġġar ⁽¹⁾	240 000 unità	0 %	1.1.-31.12.
09.2703	ex 2825 30 00	10	Ossidi u idrossidi tal-vanadju esklużivament għall-użu f'liġi ⁽¹⁾	13 000 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2713	ex 2008 60 19 ex 2008 60 39	10 10	Ċirasa ħelwa, ippreservata fl-alkoħol, b'dijametru ta' mhux aktar minn 19,9 mm, mingħajr għadma, għall-użu fi prodotti taċ-ċikkulata: — b'kontenut ta' zokkor bil-piż ta' aktar minn 9 % — b'kontenut ta' zokkor bil-piż ta' mhux aktar minn 9 % ⁽¹⁾	2 000 tonnellata	10 % ⁽³⁾	1.1.-31.12.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Suddiviżjoni Taric	Deskrizzjoni	Ammont tal-kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perijodu tal-kwota
09.2719	ex 2008 60 19 ex 2008 60 39	20 20	Ċirasa qarsa (Prunus cerasus), ippreservata fl-alkoħol, b'dijametru ta' mhux aktar minn 19,9 mm, għall-użu fi prodotti taċ-ċikkulata: — b'kontenut ta' zokkor bil-piż ta' aktar minn 9 % — b'kontenut ta' zokkor bil-piż ta' mhux aktar minn 9 % ⁽¹⁾	2 000 tunnellata	10 % ⁽³⁾	1.1.-31.12.
09.2727	ex 3902 90 90	93	Poli-alfa-olefin sintetiku b'viskożità ta' mill-inqas $38 \times 10^{-6} \text{ m}^2 \text{ s}^{-1}$ (38 centistoke) f'temperatura ta' 100 °C imkejla bil-metodu ta' l-ASTM D 445	15 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2799	ex 7202 49 90	10	Ferro-kromju li bil-piż fih 1,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 4 % karbonju u mhux aktar minn 70 % kromju	50 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2809	ex 3802 90 00	10	Montmorillonit attivat bl-aċidu, għall-manifattura ta' karta awto-kopjanti ⁽¹⁾	10 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2829	ex 3824 90 98	19	Estratt solidu tar-residwu, li ma jinħallx f'solventi alifatiki, miksub waqt l-estrazzjoni tar-rożin mill-injam, bil-karatteristiċi li ġejjin: — kontenut bil-piż ta' aċidu reżiniku ta' mhux aktar minn 30 %, — numru ta' l-aċidità ta' mhux aktar minn 110 u — punt tat-tidwib ta' 100 °C jew aktar	1 600 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2837	ex 2903 49 80	10	Bromoklorometan	600 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2841	ex 2712 90 99	10	Taħlita ta' 1-alkeni li bil-piż fiha 80 % jew aktar 1-alkeni b'tul ta' katina ta' atomi tal-karbonju ta' 20 u 22	10 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ ta' l-ispeċi Auricularia polytricha (mhux imsajjar jew imsajjar bl-istim jew bit-togħlija), iffriżat, għall-manifattura ta' ikliet ippreparati ⁽¹⁾ ⁽²⁾	700 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2851	ex 2907 12 00	10	O-Kresol b'purezza bil-piż ta' mhux anqas minn 98,5 %	20 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Suddiviżjoni Taric	Deskrizzjoni	Ammont tal-kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perijodu tal-kwota
09.2882	ex 2908 99 90	20	2,4-Dikloro-3-etil-6-nitrofenol, taħt forma ta' trab	90 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2889	3805 10 90		Terpentina bis-sulfat	20 000 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2904	ex 8540 11 19	95	Tubu katodiku tal-kulur bi skrin ċatt, liema skrin għandu proporzjon wisa'/għoli ta' 4/3, kejl dijagonali ta' 79 cm jew aktar iżda mhux aktar minn 81 cm u raġġ tal-kurvatura ta' 50 m jew aktar	8 500 unità	0 %	1.1.-31.12.
09.2913	ex 2401 10 41 ex 2401 10 49 ex 2401 10 50 ex 2401 10 70 ex 2401 10 90 ex 2401 20 41 ex 2401 20 49 ex 2401 20 50 ex 2401 20 70 ex 2401 20 90	10 10 10 10 10 10 10 10 10 10	Tabakk naturali mhux maħdum, kemm jekk maqtugħ f'daqs regolari jew le, b'valur doganali ta' mhux anqas minn Euro 450 kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala tikketta ('binder') jew tgeżwir għall-manifattura ta' oġġetti tas-subintestatura 2402 10 00 ⁽¹⁾	6 000 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2914	ex 3824 90 98	26	Soluzzjoni fl-ilma li bil-piż fiha mhux anqas minn 40 % estratt niexef tal- <i>betain</i> u bejn 5 % u 30 % mlieh organiċi jew inorganiċi	38 000 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2917	ex 2930 90 13	90	Ċistina	600 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2919	ex 8708 29 90	10	Imniefaħ għall-manifattura ta' xarabankijiet artikulati ⁽¹⁾	2 600 unità	0 %	1.1.-31.12.
09.2920	ex 2906 19 00	30	Isobornilcikloeksanol	450 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2933	ex 2903 69 90	30	1,3-Diklorobenżin	2 600 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2935	3806 10 10		Rożin u aċidi reżiniċi miksubin minn oleoreżini friski	200 000 tunnel-lata	0 %	1.1. – 31.12.
09.2945	ex 2940 00 00	20	D-Ksilosju	400 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2947	ex 3904 69 90	95	Poli(fluworur tal-viniliden), taħt forma ta' trab, għall-preparazzjoni ta' żebgħa jew verniċ għall-kisi tal-metall ⁽¹⁾	1 300 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2950	ex 2905 59 10	10	2-Kloroetanol, għall-manifattura ta' tijoplasti likwidi tas-subintestatura 4002 99 90 ⁽¹⁾	8 400 tonnellata	0 %	1.1.-31.12.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Suddiviżjoni Taric	Deskrizzjoni	Ammont tal-kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perijodu tal-kwota
09.2955	ex 2932 19 00	60	Flurtamon (ISO)	300 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2970	ex 8540 11 11	95	Tubu katodiku tal-kulur b'maskra tas-slottijiet, mgħammar b'kanun ta' l-elettroni u kullar devjatur u bi skrin li għandu proporzjon wisa'/għoli ta' 4/3 u kejl dijagonali ta' 33,5 cm ($\pm$ 1,6 mm) ⁽¹⁾	250 000 unità	0 %	1.1.-30.6.
09.2972	2915 24 00		Anidrid aċetiku	20 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.2007
09.2975	ex 2918 30 00	10	Dianidrid benżofenon-3,3':4,4'-tetrakarbossiliku	600 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.
09.2977	2926 10 00		Akrononitril	12 000 tunnellata	0 %	1.1.-30.6.
09.2979	ex 7011 20 00	15	Skrin tal-ħġieġ b'kejl dijagonali estern ta' 81,5 cm ($\pm$ 0,2 cm) u bi trasmissjoni tad-dawl ta' 80 % ($\pm$ 3 %) bi ħxuna ta' referenza tal-ħġieġ ta' 11,43 mm	800 000 unità	0 %	1.1.-31.12.
09.2986	ex 3824 90 98	76	Taħlita ta' ammini terzjarji li fiha: — 60 % bil-piż jew aktar dodeċildimetilammina — 20 % bil-piż jew aktar dimetil(tetradeċil) ammina — 0,5 % bil-piż jew aktar eksesadecildimetilammina għall-użu fil-produzzjoni ta' ossidi ta' ammini ⁽¹⁾	14 315-il tunnel-lata	0 %	1.1.-31.12
09.2992	ex 3902 30 00	93	Kopolimeru ta' propilen-butilen, li bil-piż fiħ mhux anqas minn 60 % iżda mhux aktar minn 68 % propilen u mhux anqas minn 32 % iżda mhux aktar minn 40 % butilen, b'viskożità tat-tidwib ta' mhux aktar minn 3 000 mPa f'temperatura ta' 190° C, kif determinat bil-metodu ta' l-ASTM D 3236, għall-użu bħala adeżiv fil-manifattura ta' prodotti tas-subintestatura 4818 40 ⁽¹⁾	1 000 tunnellata	0 %	1.1.-31.12.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Suddiviżjoni Taric	Deskrizzjoni	Ammont tal-kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perijodu tal-kwota
09.2995	ex 8536 90 85 ex 8538 90 99	95 93	Tastieri, — li fihom saff silikone u buttuni tal- polikarbonat — kollha kemm huma tas-silikone jew kollha kemm huma tal- polikarbonat, inkluż il-buttuni stampati għall-manifattura jew it-tiswija ta' radju-telefoni mobbli tas-subintestatura 8517 12 00 ⁽¹⁾	20 000 000 unità	0 %	1.1.-31.12.

⁽¹⁾ Tidħil taħt din is-subintestatura huwa sogggett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 — ĠU L 253, 11.10.1993, p. 71 u l-emendi sussegwenti).

⁽²⁾ Madankollu, il-kwota tariffarja ma hix permessa meta l-ipproċessar jitwettaq minn intrapriżi tal-bejgħ bl-imnut jew tal-catering.

⁽³⁾ Id-dazju speċifiku addizzjonali hu applikabbli.”.